MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2011

Numru 667/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**vs**
**Alex Pace**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Alex Pace** ta’ 38 sena bin Joseph u Carmen *nee’* Grima, imwieled Marsa fit-28 t’April 1967, residenti 15 Axel Triq Censu Busuttil Iklin u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 242967M;

Talli fis-27 ta’ Lulju 2005 ghall-habta ta’ 13:00 ta’ wara nofsinhar, gewwa x-Xatt tas-Sliema minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed fil-periklu car il-hajja ta’ Mario Zammit ID 134574M tah daqqa ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta u kkagunalu feriti ta’ natura gravi hekk kif certifikat minn Dr. Michael Spiteri M.D. Reg. No. 2666 u da ai termini ta’ l-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ta daqqa ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta lil Gerald Zammit ID 380069M u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa hekk kif certifikat minn Dr. Michael Spiteri MD Reg No. 2666 u dan ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligiijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ta daqqiet strument li jaqta’ u bil-ponta lil Ivan Zammit ID 479166M u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa hekk kif certifikat minn Dr. Ron Borg MD u dan ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligiijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu kif ukoll garr arma li taqta’ u bil-ponta barra fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed iwettaq dan ir-reat kellu fil-pussess tieghu arma regolari;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-vettura bin-numru JAZ-247 tal-marka Suzuki Samurai, proprjeta’ ta’ Mario Zammit, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 (hamsin lira Maltin) ghall-istess Mario Zammit.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-20 ta’ Settembru 2005 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa incident bejn il-familja Zammit li ghandha hanut fuq il-kosta tas-Sliema u *ticketing booth* faccata fuq il-banking ma' genb il-bahar u persuni ohra li ukoll ghandhom negozju ftit bibien 'l isfel u *ticketing booth* faccata li allura jigi fuq il-bankina ta' mal-bahar biz-zewg stands ma' genb xulxin. Ghal dan l-incident hemm zewg verzjonijiet bil-protagonisti ghall-familja Zammit ikunu Mario u Gerald Zammit u ghall-parti l-ohra Alex Pace. Ivan Zammit, hu Mario u Gerald, jghid illi dakinhar kien miexi bil-kelb tieghu Great Dane fuq il-bankina ta' ma' genb il-bahar meta allura avvicina grupp ta' persuni li kienu Raymond Vella, ibnu, l-impjegata tieghu Elizabeth Pace li hija mart l-imputat u l-istess imputat. Ivan Zammit jghid illi hu u ghaddej ghall-istand (*ticketing boot*) taghhom, Raymond Zammit dar u qieghdu f'posizzjoni fejn jew ser jidhol fih jew ikollu jara x'jaghmel biex jiskapolah u fil-fatt gholla c-cinga tal-kelb biex ghaddiha minn fuq ras Raymond Vella u appena ghamel hekk, Vella dar u tah daqqa ta' ponn fuq nghasu tax-xellug. Zammit mar jorbot il-kelb u mar lura fuq Vella biex jispjegalu ghaliex kien ghamillu hekk u f'hin minnhom daru ghalih l-erbgha persuni fuq imsemmija meta allura Zammit qabad ma' zokk ta' sigra izda huma gibduh ghal ma' l-art, Alex Pace qabad siggu tal-hadid u beda jaghtih bih. Raymond Mifsud, li ghandu l-hanut vicin tal-kwerelanti, gie mill-istess hanut u beda jaghti bis-sieq lil Ivan Zammit. Ftit wara, huh Mario Zammit gie mid-dar li ghandhom fuq il-hanut u staqsaihom ghaliex kienu ghamlu hekk lil Ivan u l-affari donnha kwitat u mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija tas-Sliema u wara acceda fil-poliklinika tal-Gzira sabiex jottjeni certifikat mediku tal-griehi tieghu. Minn hemm rritorna l-Ghassa tal-Pulizija tas-Sliema u dak il-hin is-surgent ircieva telefonata li kien hemm glieda kbira il-hanut tieghu u qabad il-mutur u nizel il-hanut fejn jara lil huh Mario mimli demm izomm il-pala t'idejh maqsuma fi tnejn u huh Gerald b'ferita taht il-minkeb ta' idu l-leminija. Ivan Zammit kien assenti ghat-tieni parti ta' dan l-incident u ghalhekk il-Qorti ezaminat ix-xhieda ta' hutu Gerald u Mario Zammit li jghidu li meta Mario mar ikellem lil Alex Pace biex jara ghaliex kienu qabzu fuq huhom Ivan, Alex Pace qabad mazz cwievet f'idejh u dawru f'ponn, qabad

wahda minnhom u qeghda bejn subajh u xejjer daqqa biha lejn wicc Mario Zammit izda ma laqtux u “awtomatikament hareg daqqa u laqtu u Alex Pace dak il-hin storda” (fol 62). Pace qam u telaq jigri, qasam it-triq u kienet ser ittajru karozza. Nel frattemp iben Raymond Vella beda jwadbilhom xi flixken u gie ukoll biex jiggieled bi flixkun imkisser. Alex Pace dahal fl-ufficcju tal-hanut ta’ Raymond Mifsud u hareg bi *flick knife* u beda jtihom biha u Gerald Zammit jghid li laqa’ daqqa ta’ sikkina li kienet diehla f’zaqqu ghaliex “beda jaghti go z-zaqq, go l-wicc” (fol 69). Pace beda “jaqbez fuqi, jaghti lili u lil hija wkoll” u ghalhekk qabad katina li tintuza biex isakkru l-muturi tal-kiri taghhom  biex jiddefendi ruhu u wara spicca l-isptar. Kawza ta’ dan sofra qtuh fin-nerv tal-pala t’idu li ghalkemm ssewwiet kirurgikament, jidher li ser ibati dizabilita’ konsistenti f’nuqqas ta’ caqliel ta’ subghajh tan-nofs;

Alex Pace jiddeskrivi l-incident b’mod differenti meta jghid li dakinhar kien mar bhas-soltu izomm kumpanija lill-mara tieghu waqt il-hin tal-*break* taghha fuq ix-xoghol ma’ Raymond Mifsud. Huwa jaf lil familja Zammit u lill-Mifsud dejjem jikustinjaw fuq ix-xoghol. Raymond Vella kien qieghed iserrah idu  ma’ sigra meta ghadda Ivan Zammit bil-kelb tieghu ma’ genbu b’mod illi c-cinga tal-kelb daret mieghu u imbotta lil Zammit li minufih iddendel mas-sigra u ta bis-sieq lil Pace u lil Chris Vella, iben Raymond Vella. Pace intlaqat fl-istonku u gew fl-idejn ma’ Zammit flimkien ma’ Chris Vella u ghadda kollox izda Zammit beda jheddidhom li ser isibhom wiehed wiehed u joqtolhom u ghalhekk marru l-ghassa jaghmlu rapport. Meta marru lura fejn it-*ticket booth* Pace ra lil Mario u Gerald Zammit gejjin ghalih b’katina miksija b’pipe u hadida twila u Gerald mill-ewwel xejjer daqqa ta’ hadida u laqtu zbrixx, telaq jigri ghal karozza li kienet ipparkjata faccata u mhux msakkra, qasam it-triq u gew jigru warajh. Huwa ma telaqx bil-karozza ghaliex kellu l-mara fuq il-post u minflok hareg sikkina mill-karozza u gew fl-idejn u l-incident spicca billi laqathom b’xi daqqiet u telqu jigru;

Illi minn dan kollu jemergu ghalhekk zewg verzjonijiet u din il-Qorti trid tara liema mill-verzjonijeit hija kredibbli sal-

punt li jew ssib htija kontra l-imputat jew tilliberah jekk taghzel li temmen il-verzjoni tieghu. Minghajr ebda ezitazzjoni, din il-Qorti ma tara ebda kredibilita' fil-verzjoni tal-kwerelanti. Ivan Zammit jghid li daru ghalih erba min-nies sal-punt li tawh daqqa ta' ponn go naghsu u qala daqqiet b'siggu tal-hadid u daqqiet ta' sieq waqt li kien mal-art meta c-certifkat mediku tieghu jghid li kellu "bleeding from left nostril and small LCW ½ cm long (scratch) on left wrist" meta dan huwa persuna li suppost mitluq ghal mejjet. L-ahwa Gerald u Mario Zammit qatt ma semmew katina u hadid lill-pulizija u dawn instabu mimlija demm wahda fit-toilet u l-ohra taht il-*cash register* fil-hanut taghhom u zammew dan il-fatt mistur lill-investigaturi. L-istess Gerald u Mario Zammit suppost li huma mimlijin bi griehi ta' daqqiet ta' flixken tal-hgieg miksurin li allegatament beda jitfalhom Chris Vella izda mic-certifikati medici fol 20 sa 22 ma jirrizulta xejn minn dan. L-istess Mario Zammit jghid li l-imputat dahal fil-vettura tieghu u ried jidhol biha b'kollox fil-hanut taghhom u beda jsuq ghal fuq il-vettura ta' missierhom li kienet ipparkjata quddiem il-hanut sabiex iressaqha. Izda sia ritratti tal-vettura ta' missier l-kwerelanti kif ukoll l-istima ta' hsarat ma tirriflettix dan ix-xenarju ghaliex il-vettura jidher li ghandha xi hsarat leggeri li xejn ma huma kompatibbli ma' dak li xehdu l-kwerelanti Zammit. "Beda jigi bis-sahha, jaghtiha d-daqqiet biex iressaqha ghax ried jidhol joqtolna.." (Fol 76). A fol 75, Gerald Zammit jghid li xi hadd ha l-mus minn idejn Alex Pace (fol 75) u dan kien ukoll konfermat minn huh Mario, izda jirrizulta mill-atti illi Alex Pace kien ghadu fil-pussess tas-sikkina li ddecieda jarmiha fil-bahar. Tazzarda tistaqsi din il-Qorti ghaliex Mario Zammit jghid li hu kien qed jistrieh fil-fond sovrastanti l-hanut ghaliex kellu d-deni meta tqajjem mill-impjegata tieghu li qaltlu li kienu qed jiggieldu ma' huh Ivan meta dan Ivan stess jghid li wara l-ewwel incident kien mar l-ghassa tal-pulizija, minn hemm mar il-poliklinika u minn hemm rega mar l-ghassa fejn semgha bit-tieni incident waqt telefonata li kien qed iwiegeb is-Surgent? Anke hawn ghalhekk il-verzjoni mhix wahda veritiera u jista' jkun li inghatat biex il-Qorti tinghata raguni ghaliex Mario u Gerald Zammit marru jkellmu lill-imputat. Meta l-Qorti tara dawn id-divergenzi, ikollha tistaqsi x'kienet ir-

raguni li Alex Pace, bniedem ta’ statura zghira fil-konfront tal-kwerelanti, ghazel li jmur jattakahom b’dak il-mod meta hu ma kellu l-ebda interess fin-negozju ta’ haddiehor ghajr li l-mara tieghu impjegata maghhom. Il-verzjoni ta’ Pace invece, tidher li tqarreb lejn is-sewwa fejn il-Qorti qed tara stampa ta’ awtodifeza li ghaliha ma kien hemm l-ebda eccess stante li kien rinfaccjat b’zewg persuni, wahda xxejjer katina u l-iehor armat b’hadida twila;

Fix-xhieda tieghu l-imputat ddikjara li mill-vettura tieghu gab sikkina u ta’ dan huwa akkuzat li kien fil-pussess tal-istess minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija izda ma ngiebet ebda prova ta’ nuqqas ta’ tali licenzja;

Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------